MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 527/2007

**Charles Darmanin and Co. Ltd (C 2271)**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Philip Manduca li b'digriet tal-25 ta' Mejju, 2007 gie nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapresentaw lill-assenti Denise Sanguy**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta` Charles Darmanin and Company Limited (C 2271) fejn din, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta` rikorrenti hija komproprjetarja tal-fond numru erbgha u ghoxrin (24), fi Triq l-Iljun, il-Furjana.

L-imsemmija proprjeta' tappartjeni lill-kontendenti indivizament bejniethom, b'dan illi s-socjeta' rikorrenti ghandha sbatax-(17) il sehem minn tmintax (18) filwaqt illi

r-rimanenti sehem huwa proprjeta’ ta’ l-intimata assenti, kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat Dok. A.

Is-socjeta’ rikorrenti ma jixtieqx jibqa’ aktar in komunjoni.

Il-fond mhuwiex komodament divizibbli bejn il-komproprjetarji kollha, u cioe’ il-kontendenti odjerni.

Is-socjeta’ rikorrenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt naxxenti mill-Artikolu 516 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ li jitolbu l-bejgh b’licitazzjoni tal-proprjeta’ fuq indikata.

Talbet is-socjeta’ rikorrenti tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi l-fond fuq indikat, ossija l-fond numru erbgha u ghoxrin (24), fi Triq l-Iljun, il-Furjana, m’huwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom, u dan okkorendo bin-nomina ta’ Periti nominandi.

Tordna li l-istess proprjeta’ fuq indikata, appartenenti lill-kontendenti indivizament bejniethom, jinbiegh b’licitazzjoni bil-partecipazzjoni ukoll ta’ oblaturi estranei.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 25 ta’ Mejju, 2007 li permezz tieghu gie nominat Dr. Philip Manduca bhala kuratur tal-assenti Denise Sanguy ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-istess kuratur Dr. Philip Manduca fejn dan qal illi:

L-esponent qatt ma oggezzjonat ghal divizjoni gusta tal-fond li ghandha sehem minnha u ghalhekk ma ghandhiex tbati l-ispejjes ta’ din il-kawza.

Is-socjeta’ attrici qatt ma offriet prezz gust ghas-sehem taghha qabel ma ppresentaw il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat illi jinsab pruvat illi s-socjeta' attrici hija kompropjetarja tal-fond 24, Triq l-Iljun, Floriana. Essenzjalment l-istess socjeta' ghandha sbatax minn tmintax-il sehem ta' din il-proprjeta'. Is-sehem l-iehor jappartjeni lil Denise Sanguy, rapprezentata f'Malta mill-Avukat Philip Manduca. Dan kollu jirrizulta mid-dokumenti esibiti liema dokumenti ma gew bl-ebda mod kondradetti.

L-Art. 515 u 516 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdu illi:

"515. (1) Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, dawk il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom.

(2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda wahda mill-partijiet li jkunu qeghdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tiehu."

"516. meta hemm lok ghal-licitazzjoni, din tista' tigi mitluba minn kull wiehed mill-komproprjetarji, ikun kemm ikun sehmu fil-haga."

Huwa ovvju fic-cirkostanzi li l-proprjeta' de quo ma tista' qatt tkun komodament divizabbli bejn il-kompropjetarji stante li l-fond jikkonsisti f'kamra wahda li fiha 3.6 metri tul u 2.6 metri wisa'.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa l-ewwel talba tas-socjeta attrici.

Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-fond 24, Triq il-Iljun, Floriana jinbiegh b-licitazzjoni bil-partecipazzjoni ukoll ta' oblaturi estranei.

Tilqa' t-tielet talba u tordna li r-rikavat mill-bejgh tal-istess propjeta' jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet skond il-kwoti rispettivi taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------